# IL-HARSA TAGHNA FUQEK MADONNA TAL-ĠILJU DAN IL-KTEJJEB NOFRULEK MEJJU 1983.



SOĊJETA MUŻIKALI TAL-ĠILJU
MQABBA

A.D. 1911

# SOCJETA´ MUZIKALI TAL-GILJU

## IL-KUMITAT 1983

**PRESIDENTI ONORARJI**

*Menu Vella* *Saver Abdilla* *Gakbu Barbara*

**PRESIDENT**

*Joe Zammit*

**V PRESIDENT**

*Charles Sacco*

**SEGRETARJU**

*Joe Abdilla*

**ASS SEGRETARJU**

*Benny Dingli*

**KAXXIER**

*Benny Briffa*

**ASS KAXXIER**

*Teddy Farrugia*

**MEMBRI**

*Charles Azzopardi*
*Charles Camilleri*
*Joe Gauci*
*Amabile Barbara*
*Tarcisio Dingli*
*Lolly Magro*

**DIRETTUR TAL-BANDA**

*Mro Gulio Tanti A.Mus.L.C.M.*

**ASS DIRETTUR TAL-BANDA**

*Mro Charles Cachia*

**DIRETTUR SPIRITWALI**

*P. Adrijanu Cachia O.F.M.*

**DELEGAT TAL-BANDA**

*John Farrugia*

**ARKIVISTA**

*Lolly Magro*

**DELEGATI TAL-POST TAN-NAR**

*Tarcisio Dingli*
*Amabile Barbara*

**RIVIZURI**

*Joe Azzopardi*
*Julio Sacco*

********

# Introduzzjoni mill-President

"Lilek, Madonna tal-Ġilju, noffru l-ħidma tagħna tul din is-sena bi preparazzjoni għall-Festa kbira li minn qalbna qegħdin nagħmlulek."

Bħal snin oħra, ix-xogħol li l-Kumitat kellu biex jipprepara għal din il-festa kien kbir u iebes ħafna. Biżżejjed ngħidu li d-diskussjonijiet li kellna ma l-Awtoritajiet tal-Kurja kienu intensivi ħafna u ta qtiegħ il-qalb. Imma bl-għajnuna tal-Madonna il-ħaqna l-għan tagħna. Nisperaw li l-partitarji japprezzaw il-frott li ħareġ minn dawn id-diskussjonijiet. Għandna nħossuna grati lejn l-Awtoritajiet tal-Kurja għall-paċenzja u t-tolleranza li wrew magħna.

Mhix ħaġa faċli li tagħmel festa aħjar minn dik ta' sena qabel. Il-Festa 1982 kienet suċċess minn kull aspett anke t-temp kien favur tagħna. Nisperaw li din is-sena tmissna l-istess xorti.

Nixtieq nappella lil kull partitarju tas-Soċjeta' Mużikali tal-Ġilju u lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-Festa tal-Madonna tal-Ġilju biex jagħtu l-għajnuna tagħhom fejn ikun hemm bżonn. Bħas-snin ta' qabel nixtieq nappella wkoll lill-partitarji kollha biex inkunu prudenti fl-imġieba tagħna tul il-jiem tal-Festa.

F'isem il-Kumitat u f'ismi nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha.

JOE ZAMMIT

SOĊJETA MUŻIKALI TAL-ĠILJU

A.D. 1911

WERREJ


Introduzzjoni mill-President . . . . . . . . 1
Il-Kelma tal-Kappillan . . . . . . . 2
Jikteb is-Segretarju 4
Messaġġ mid-Direttur Spiritwali . . . . . . . . 6
Profil:- Mastru Baskal Xuereb . . . . 8
Inpenji tal-Banda Lily . . . . . . . . . . . 11
Programm . . . . 12 & 13
Rendikont tal-Festa '82 fil-Knisja . . . . . . . . . 15
Programm tan-Nar . 17
Sehem il-Baned . . . 18
Poeżija . . . . . . . . . 20
Il-Banda Lily . . 22 & 23



**BORD EDITORJALI:**

MEMBRI:— B. Briffa, T. Farrugia, J. Abdilla u M. Dingli.


**Il-Bord Editorjali jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li għenu biex dan il-Ktejjeb seta' jsehh, speċjalment lil dawk li għoġobhom jirreklamaw f'dan il-Ktejjeb — GRAZZI HAFNA.**


GHAL KULL XORTA TA' JEANS

Irrikorru għand:

**MR. JEANS**

COSPICUA ROAD,

PAOLA.

# IL-KELMA TAL-KAPPILLAN

"Fid-dnub nisslitni ommi", igħidilna David fis-Salm 51,7. Kliem David huwa kliemi u kliemek għax ilkoll midinba quddiem Alla.

Iżda Marija le. Marija hija dik l-imbierka fost in-nisa li ġiet imnissla mingħajr tebgħa; ħielsa mid-dnub tan-nisel għax minnha kellu jitwieled Ġesu'.

Dan huwa privileġġ uniku li jagħmel lil OMM tal-ommijiet safja u bajda daqs il-ġilju tal-widien.

Kemm hija floka t-talba tal-isqfijiet tagħna li s-sena 1983 tkun Sena Marjana biex tfakkar il-100 sena minn mindu l-Madonna kellmet lix-xebba f'ta Pinu.

Iżjed u iżjed għalina l-Imqabbin meta għandna tant festi ddedikati lill-Madonna!

J'Alla din id-devozzjoni tkompli tikber mhux bl-istorbju u tisfir, iżda bl-irġulija, kif tixtieqna l-Madonna stess.

Kienet ħaġa meħtieġa li l-Madonna tkun ħielsa mid-dnub tan-nisel għax Alla għażilha biex tgħin lil Ibnu fil-ġlieda kontra x-xitan.

Hija daqstant ħaġa meħtieġa minna li din il-ġlieda mibdija minn Marija u li seħħet fi Kristu, titkompla bil-ħila ta' kull wieħed u waħda minna, billi fi kliemna, fl-imġieba tagħna u fil-ferħ li jġibu magħhom dawn il-festi nimitawha fis-safa' u fil-bjuda permezz tas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin Imqaddes.

IL-FESTA t-TAJBA lil Kulħadd.

Father Willie


**PRIME BACON Co. Ltd.**

**Member of the J. & L. Muscat Group.**

MGIERET ROAD — MARSA.

**Tel: 22291/2**

Producers:

PRIME WILTSHIRE-CURE BACON & HAMS

ENGLISH TYPE PORK & BEEF SAUSAGES

Awarded the Malta Government Board of Standards Award:

**"Flower Mark"**

For: 1. Quality; 2. Purity; 3. Hygiene.

# JIKTEB IS-SEGRETARJU

Għaddiet sena mill-aħħar u l-ewwel publikazzjoni tiegħi bħala Segretarju, f'dan il-ktejjeb maħruġ mis-Soċjeta' Mużikali tal-Ġilju. Għalhekk inħossni kburi li għal darb'oħra qed nerġa' nwassal il-Festa t-tajba lill-membri u l-partitarji kollha u lil ħuti l-Imqabbin.

Sfortunatament għal ħafna l-Festa tiġi u tgħaddi, iżda ftit li xejn huma dawk li jaħsbu u jifhmu l-ħsibijiet u taħbit li trid sabiex tiġi organizzata l-Festa. Barra ħsibijiet oħra l-ħsieb ewlieni għall-Kumitat dejjem kienu l-ispejjeż li trid għall-Festa. L-għan tal-Kumitat dejjem kien sabiex il-pis tal-Festa ma jkunx għal kollox fuq il-Każin. B'dan il-ħsieb f'moħħu l-Kumitat dejjem żamm l-istess attivitajiet fil-Festa tagħna b'danakollu l-prezzijiet ta' kull ħaġa dejjem jiżdiedu, għalhekk il-Kumitat jixtieq li fil-ġbir li jsir għall-Festa tkunu ġenerużi.

Punt ieħor li nixtieq nikteb dwaru huwa l-fatt li mhux il-partitarji kollha jikkoperaw fil-Festa. Dan joħroġ mill-fatt li għalkemm aħna ta' kull sena naraw kif nagħmlu sabiex inżidu r-rotot tal-marċi qiegħed jiġri li ħafna drabi naħaddu minn toroq li fihom l-ebda gallerija ma tkun mixgħula. Għalhekk nagħmel appell lil kull partitarju biex fil-jiem tal-Festa jixgħel il-gallerija, itella' l-bandiera u l-festun ħalli noħolqu dejjem aktar atmosfera ta' Festa sabiex inferrħu lil kull min jiġi jżurna fil-jiem tal-Festa.

Ma ridtx inħalli din l-okkażżjoni tgħaddi mingħajr ma nsemmi xi ħaġa fuq l-attivitajiet tas-Soċjeta' tagħna matul is-sena. Ħafna kienu dawn l-attivitajiet speċjalment dan l-aħħar qegħdin isiru coffee mornings organizzati minnisa ħabrieka tas-Soċjeta'. Permezz ta' dawn l-attivitajiet qegħdin niltaqgħu aktar ta' spiss flimkien. Apparti li nieħdu gost flimkien ħasseina ruħna aktar magħqudin. Nispera li kull attivita' l-attendenza tkun aktar numeruża sabiex tkompli tikber l-għaqda fost is-Soċjeta' tagħna u b'hekk inkunu nistgħu nikkontribwixxu biex inkomplu nkabbru l-Festa ad unur il-Patruna tas-Soċjeta' tagħna.

Fl-aħħarnett nixtieq nappella lil kulħadd biex fil-ġranet tal-Festa jkunu ġranet li fihom kulħadd jifraħ u li naraw l-iskop li għalih dawn il-Festi isiru ma jintilifx. Nappella wkoll li din tkun Festa oħra li tagħmel ġieħ lis-Soċjeta' tagħna, filwaqt li minn qalbi nixtieq Festa sabiħa u mimlija ferħ lil kulħadd bil-kliem ta:

VIVA L-MADONNA TAL-ĠILJU — VIVA S-SOĊJETA' MUŻIKALI TAL-ĠILJU.

JOE ABDILLA


## WHITE CROSS DISPENSARY

ST. BASIL STR. — MQABBA.

STOCKISTS OF:

PATENTS — COSMETICS — BABY-FOODS — BABY-REQUISITIES

PERFUMES — etc.

# MESSAGG MID-DIRETTUR SPIRITWALI

Il-festa t-tajba! Dan nixtiequh lilkom ilkoll ħutna devoti tal-Madonna tal-Ġ'liu u msehbin tas-Soċjeta' Mużikali tal-Ġilju. Verament meta jibda jo qrob ix-xahar sabiħ ta' Mejju dan huwa l-ħsieb ewlieni li Ikoll jgħaddi minn moħħna u l' bil-qalb kollha nixtieqd li l-festa ta' din is-sena tirnexxi f'kollox. Bir-raġun mela li nixtieqn dan lilna nfusna u lill dawk kollha li jaqsmu magħna l-istess sentimenti ta' mħabba lejn il-Madonna tal-Ġilju.

Imma eżattament x'irridu nifhmu meta nixtiequ l-festa t-taiba? Aħna nafu li l-festa kif niċċelebrawha tinkludi fiha kemm l-aspett reliġjuż kif ukoll dak soċjali. Ta' l-ewwel jitlob minnha li dak li nemmnu u nfaħħru fil-Madonna jkun jaqbel ma kif ngħixu u nwettqu l-ħaija tagħna nisranija u tat-tieni jitlob minnha li filwaqt li nifirħu b'mod estern ma l-oħrajn dan il-ferħ ma jħassarx anzi jżid dak li niksbu minn ta' l-ewwel.

F'dan il-messaġġ qasir tiegħi bħala Direttur Spiritwali tas-Soċjeta' Mużikali tal-Ġiliu ma hux il-ħsieb tiegħi illi nurikom kif għandna niċċelebraw il-festa, imma x'parti għandu kollha s-Soċjeta' tagħna biex il-festa li nagħmlu tkun sabiħa u tixraq lil dik li nagħmlulha.

Meta dawk ta' qabilna ħolqu s-Soċjeta' Mużikali tal-Ġilju, il-ħsieb tagħhom kien li b'hekk ikabbru d-devozzjoni u l-qima li kellhom lejn il-Madonna. Minn hawn naraw li l-iskop prinċipali tas-Soċieta' hu propriu l-imħabba u t-twemmin nisrani lejn il-Madonna. Mela kull membru għandu jkollu għal qablu u verament iħobb lill-Madonna. B'hekk mela meta wieħed jissieħeb fis-Soċjeta' diġa' qisu sejjer iwiegħed dak li għalih twaqqfet u li jagħmel ħiltu ħalli b'hekk jikber aktar u jxerred fejn jista' d-devozzjoni lejn il-Madonna.

Issa bħala sede tagħha s-Soċjeta' għandha l-post tagħha li huwa l-Każin. Dan misserijietna ħasbu għalih minn kmieni għax huwa minn dan il-post fejn jiltaqgħu l-membri li minnu toħroġ kull attivita' esterna tal-festa kollha. Barra min hekk jittrawmu sewwa ż-żgħar biex ikunu attivi kemm bħala membri w iżjed bħala bandisti. Dan kollu jidher ċar mill-fatt kemm matul is-snin li ilu mwaqqaf il-Każin dejjem mexa' 'l quddiem fl-organizzazioni u tkabbir u t-tiżjin tiegħu. Kull membru għandu iħobb u jagħti sehemu lill-Każin. Dan għalhekk jista' jagħmlu billi jkun dejjem lest li jgħin fejn jista, iżda, iżjed anzi b'mod speċjali billi l-imġieba tiegħu fil-Każin tkun tixraq lil nisrani veru u devot tal-Madonna.

Għalhekk is-Soċjeta' tagħna timxi 'l quddiem kemm il-darba l-membri itellgħu Kumitat tajjeb, li ta dan għandna għax inkunu grati lejn dak li bħal issa imexxi s-Soċjeta'. Imma r-responsabbilta' ma hiex biss tal-Kumitat iżda ta' kull membru. Għalhekk il-membri kollha għandhom joqgħodu attenti li allaħares qatt li bl-imġieba ħażina ta'xi wieħed jista' jitħassar tant xogħol u ġid li bid-dedikazzjoni ta' dawk li verament jħobbu u għandhom għall-qalbhom il-Madonna tal-Ġilju u s-Soċjeta' Mużikali tal-Ġilju.

Patri Adrijanu Cachia O.F.M.

PROFIL:

# MASTRU BASKAL XUEREB

## Benefattur kbir tas-Soċjeta'



**Mastru Baskal Xuereb**

Fid-dar ta' Pawlu Xuereb u Ċensina nee Farrugia nhar l-24 t'Awissu, 1885 twieled tifel li meta tgħammed tawh l-ismijiet ta' Baskal, Mikiel u Gajtan. Baskal kien wieħed fost ħamest aħwa: tliet subien u żewġt ibniet.

Il-familja Xuereb kienet toqgħod f'dar fit-Triq Valletta fejn il-missier, Pawlu, kellu s-sengħa ta' Bennej. Fil-ħin liberu tiegħu Pawlu kien jieħu ħsieb il-Konfraternita' tal-Kunċizzjoni fejn wara huwa għadda l-Prokura lil ibnu Dun Ġużepp.

Iċ-ċkeiken Baskal kont issibu jiġri ma saqajn missieru, għalhekk ma kenitx ħaġa ta' l-iskantament li Baskal beda jitħajjar għas-sengħa tal-Bini. Ta' eta' żgħira huwa kien diġa' beda juri s-sengħa fl-iskultura kemm fil-ġebel kif ukoll fl-injam. Missieru barra li għallmu dak kollu li kien jaf ħeġġu wkoll biex jitgħallem id-disinn.

Matul ħajtu Mastru Baskal kien meqjus bħala wieħed mill-aqwa bennejja ta' żmienu. Ħafna mix-xogħlijiet tiegħu għadhom magħna u kull wieħed minna jista' japprezzahom. Baskal fl-eta' ta' 27 sena flimkien ma missieru bdew il-Kappella tan-Nazzarenu fiċ-Ċimiterju tal-raħal tagħna. Ix-xogħol tal-lavur li nsibu f'din il-Kappella juri l-ħila li kellu Mastru Baskal.

L-imħabba li kellu lejn is-Soċjeta' tal-Ġilju hija murija mill-fatt li taħt it-tmexxija tiegħu sar l-armar kollu li narmaw fil-Festa tagħna. Dan l-armar kien isir wara x-xogħol f'dar fil-Pjazza tal-Knisja li kienet isservi bħala Każin. Fost l-armar insibu: il-Pedestal tal-Vara l-Kbira, erba' trufini kbar u tnax il-Pilandra tad dawl. Baskal u sħabu kienu lestew l-armar f'sena waħda jiġifieri fl-1928.

Wara li lesta l-armar, Baskal u l-Kumitat ta' dak iż-żmien ħasbu biex jixtru biċċa art biex ikollhom fejn jaħżnu l-armar. Fl-1932 wara diskussjonijiet twal ġiet akkwistata biċċa art fit-Triq S. Katerina u hemm inbena l-maħżen tal-armar. Fl-istess żmien Baskal stinka kemm felaħ biex bena post fejn id-dilettanti setgħu jaħdmu n-nar. Ta' min igħid li Baskal kien dillettant sew tal-Logħob tan-Nar.

Fl-1939 Baskal għoġbu jidħol membru tas-Soċjeta' tal-MUSEUM. Kien żmien il-gwerra fejn il-kefrija, il-ġuħ u t-tifrik kienu fl-aqwa tagħhom. F'April 1942 waqt ħbit mill-ajru ntlaqtet il-Knisja Parrokkjali u xi djar fil-pjazza. Il-Knisja sofriet ħsara kbira. Il-koppla iġġarfet għal kollox, flimkien mal-Kappelluni tal-Kunċizzjoni u l-Kor. Wara li l-attakki battew xi ftit il-Kappillan ta' dak iż-żmien inkariga lil Mastru Basal biex jirranġa l-ħsara li kienet saret. Baskal b'-għajnuna ta' l-Imqabbin l-ewwel li lesta kienu l-Kappelluni u wara bena Koppla l-ġmiel tagħha li tlestiet fl-1948.

Immedjatament wara huwa ta' bidu għax-xogħol fuq il-faċċata tal-Każin, wara li l-Kumitat ta' dak iż-żmien kien akkwista post ġdid. Flimkien ma Ġużepp Barbara (Fazolu) li kien mgħallem tal-pasta, Mastru Baskal id-disinja u bena faċċata li għadha ssebbaħ il-Każin sal-lum.

Il-ħtiġijiet tat-tagħlim tad-duttrina wassal lill-membri tal-MUSEUM biex dawn jibnu dar għat-tagħlim. B'għajnuna ta' Soċju ieħor, Ġlormu Ghigo, għamlu pjanta fejn l-ewwel ġebla tqiegħdet nhar it-8 t'Ottubru, 1950. F'Lulju 1955 tlesta l-ewwel sular.

Il-bidu tas-snin sittin raw it-tmiem ta' Mastru Baskal. Infatti huwa miet nhar il-Milied 1960. Għall-funeral tiegħu attenda r-raħal kollu biex jagħti l-aħħar tislima lill-benefattur kbir tiegħu. Bħala rikonoxximent huwa ġie midfun f'qabar li ngħatalu mill-Knisja bħala rispett għal dak kollu li wettaq f'ħajtu.

JOE GAUCI


## GULIA'S BAZAAR

(Ġulia Falzon)
MISRAH FIDWA
MQABBA.
Tel: 828512

Issibu:
HWEJJEĠ TAT-TFAL, TOYS,
AFFARIJIET UTLI GHAD-DAR,
FAJJENZA, etc.

## GAETANO

PHOTO SERVICE
FOR EXCELLENT PHOTOS & MOVIES
134 COSPICUA RD., PAOLA — Tel: 825458
ACCEPT BOOKINGS FOR ALL OCCASIONS
REASONABLE PRICES
Pasport & I.D. Cards Photos in a few seconds.

# IMPENJI MUZIKALI MILL-BANDA LILY
## Matul is-Sena 1983

| | | |
|---|---|---|
| 15 ta' Mejju: | L-Annunzjata (Tarxien) | Marċ u Programm |
| 26 ta' Mejju: | Madonna tal-Ġilju (Mqabba) | Marċ |
| 28 ta' Mejju: | Madonna tal-Ġilju (Mqabba) | Marċ u Programm |
| 29 ta'Mejju: | Madonna tal-Ġilju (Mqabba) | Marċ ta' Nofsinhar |
| 4 ta' Settembru: | Santa Katerina (Żurrieq) | Marċ u Programm |
| 4 ta' Diċembru: | Il-Kunċizzjoni (Mqabba) | Programm Mużikali |
| 25 ta' Diċembru: | Il-Milied (Mqabba) | Marċ bil-Carols |


**LINDA STORES**
MONS. P.P. SAYDON STR.,
ŻURRIEQ
TEL: 827215

**Ghal dak kollu li tigi bzonn biex tarma darek,**
**l-ewwel asal wasla sal-LINDA STORES - ZURRIEQ**
**hemm issibu:**
**Varjeta' ta' linef tal-Kristall u tal-Bronz**
**Stock varjat ta' Fridges - Cookers - Washing Machines**
**Mixers, etc.**
**Minbarra hafna rigali sbieh u oggetti ohra.**
**Kollox bi prezzijiet imrahhsa.**
**Hlas bin-Nifs Accettat.**

# 1983 ★ Festa tal-Madonna

PROG

## FUNZJONIJIET FIL-KNISJA

**IL-HADD, 22 TA' MEJJU:**

11.30 a.m. Hruġ ta' l-Istatwa artistika tal-Madonna tal-Ġilju min-Niċċa.

**IL-HAMIS, 26 TA' MEJJU:**

7.00 p.m. Quddiesa Kantata bil-priedka minn P. Albert Micallef OFM. Wara jkun hemm Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**IL-ĠIMGHA, 27 TA' MEJJU:**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata.
7.00 p.m. Kollox bħall-jum ta' qabel.

**IS-SIBT, 28 TA' MEJJU:**

7.00 a.m. Quddiesa Kantata.
5.30 p.m. Għasar Solenni bil-Vuċijiet, Litanija, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
7.00 p.m. Quddiesa tal-Preċett.

**IL-HADD, 29 TA' MEJJU:**

5.30 a.m. Quddiesa Letta.
7.00 a.m. Quddiesa Letta.
8.00 a.m. Kant tal-Lawdi.
8.30 a.m. Quddiesa Kantata Solenni bil-Mużika fejn wara l-Evanġeliu P. Adrian J. Cachia O.F.M. jinseġ Paneġierku ta' tifħir lill-Ommna Marija taħt it-titlu tal-MADONNA tal-Ġilju.
10.30 a.m. Quddiesa Letta.
11.30 a.m. Quddiesa Letta.
6.30 p.m. Għasar Solenni bil-Mużika. Wara toħroġ il-Purċissjoni bl-Istatwa artistika tal-MADONNA tal-ĠILJU. Mad-dħul tal-Purċissjoni ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

N.B. 1. Lejlet il-Festa, mit-8.00 a.m. għan-Nisa u mill-4.00 p.m. għall-Irġiel, Ikun hawn il-Konfessuri barranin għall-Qrar.
Inħeġġu lill-Imqabbin kollha biex jersqu lejn il-Qrar u t-Tqarbin fil-jiem tal-Festa.

2. Il-mużika fil-jiem tal-Festa tkun taħt id-Direzzjoni tal-Maestro di Cappella Sammut. Fl-għassa ta' jum il-Festa jieħu sehem il-Kor taż-Żejtun taħt it-tmexxija ta' Joe Caruana.

IL-KAPPILLAN

na tal-Gilju, Mqabba ★ 1983

GRAMM

# FESTI ESTERNI

**IL-HADD, 22 TA' MEJJU:**

11.30 a.m. Hruġ ta' l-istatwa tal-MADONNA tal-Ġilju min-niċċa.
8.30 p.m. Mixgħela tal-Każin tas-SOĊJETA' MUŻIKALI tal-ĠILJU.

**IL-HAMIS, 26 TA' MEJJU:**

8.00 p.m. Mixgħela tar-raħal. Wara l-Banda LILY tiftaħ il-Festi b'marċi mat-toroq tar-raħal. Il-Marċ jibda minn St. Innocent Str.

**IL-ĠIMGHA, 27 TA' MEJJU:**

8.00 p.m. Mixgħela Ġenerali. Il-Banda Sta. Katerina taż-Żurrieq takkumpanja l-istatwa tal-Madonna b'marċi mat-toroq tar-raħal. Malli l-istatwa tasal filpjazza tindaqq l-Ave Marija u tittella' fuq il-pedistall. Il-marċ jibda minn Triq il-Parroċċa.

**IS-SIBT, 28 TA' MEJJU:**

8.00 p.m. Mixgħela tar-raħal. Il-Banda LILY tagħmel marċ brijjuż mat-toroq tar-raħal bil-parteċipazzjoni tal-Patrijiet, fejn wara tesegwixxi Programm Mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro. Gulio Tanti A. Mus. L.C.M.

**IL-HADD, 29 TA' MEJJU:**

12.30 p.m. Il-Banda LILY tagħmel il-marċ tradizjonali tagħha mar-raħal bis-sehem brijjuż u divertenti tal-Partitarji tagħha. Il-marċ jibda minn Diamond Jubilee Sqr.
6.00 p.m. Il-Banda Unjoni ta' Hal-Luqa tagħmel marċ minn Triq il-Parroċċa.
6.30 p.m. Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq tagħmel marċ minn Triq Sta. Katerina. Mal-ħruġ ta' l-istatwa tindaqq l-Ave Marija u x'ħin tasal quddiem il-Każin tas-Soċjeta' Mużikali tal-Ġilju, il-Banda Queen Victoria tesegwixxi 'INNU LILL-MADONNA tal-Ġilju'versi ta' Dun F. Camilleri u mużika ta' Mro. J. Darmanin. Jieħu sehem it-Tenur A. Sapiano u l-Baxx J. Vella Bondin bl-akkumpanjament tal-Kor ta' l-istess Soċjeta'.

IL-KUMITAT

# FESTA TAL-MADONNA TAL-GILJU 1982
## Rendikont tal-Festa fil-Knisja

| | | |
|---|---|---|
| **DHUL:** | | |
| Bilanċ tas-sena ta' qabel | | 104.79,2 |
| Ġbir bl-envelops | | 323.73,0 |
| | Total | 428.52,2 |
| **HRUĠ:** | | |
| Orkestra/Kor | | 110.00,0 |
| Punterija u Servizz Diversi | | 62.00,0 |
| Programmi | | 20.00,0 |
| Vuċijiet u Organista | | 34.75,0 |
| Qniepen, Anterni u Standar | | 25.00,0 |
| Armar fil-Knisja | | 15.00,0 |
| Xemgħa tal-Artal eċċ. | | 15.00,0 |
| Trasport | | 25,00,0 |
| Fjuri | | 16.00,0 |
| Envelopes | | 2.00,0 |
| Xorb | | 1.80,0 |
| Permessi | | 1.00,0 |
| | Total | 342.55,0 |

| | |
|---|---|
| DHUL | 428.52,2 |
| HRUĠ | 342.55,0 |
| BILANĊ | 85.97,2 |


Book your Wedding and Engagement Photos & Movies in Colour at:

**AGIUS PHOTO STUDIOS**

3c St. Sebastian Str., Qormi. Tel: 47009

136a, Paola Sqr. Paola. Tel: 826270

Booking personally yourself at our Studios will save you money

VERY MODERATE PRIZES — 2 ENLARGEMENTS FREE

Passport size Photos in few Seconds — Free Film Service



Book early for your Weddings, Baptisms, Parties etc.

BARON CONFECTIONERY & GROCERY

MQABBA BRANCH

Call At:

**TARGET SHOP**

MQABBA BY-PASS

MQABBA.

# PROGRAMM TA' LOGHOB TAN-NAR
## Ghall-Festa tal-Madonna tal-Gilju

**IL-HADD, 22 TA' MEJJU:**

11.30 a.m. Mal-ħruġ ta' l-istatwa minn-niċċa jkun hemm Kaxxa nfernali u murtali.

**IL-HAMIS, 26 TA' MEJJU:**

10.00 p.m. Hruq ta' murtali u kaxxa nfernali.

**IL-ĠIMGHA, 27 TA' MEJJU:**

10.00 p.m. Hruq ta' murtali u kaxxa nfernali.
Wara jkun hemm logħob tan-nar ta' l-art.

**IS-SIBT, 28 TA' MEJJU:**

12.00 p.m. Hruq ta' Kaxxa nfernali u murtali.

7.00 p.m. Waqt l-Ave Maria jkun hemm ħruq ta' musketterija, salut, kaxxa nfernali u murtaletti.

9.45 p.m. Hruq ta' murtali tal-beraq pront u murtali tal-kulur.

11.00 p.m. Wirja kbira tal-logħob tan-nar mekkaniżżat u artistiku kbir fil-Piazza tal-Knisja.
Wara jkun hemm kaxxa nfernali tal-kulur.

**IL-HADD, 29 TA' MEJJU:**

8.00 a.m. Hruq ta' Kaxxa nfernali u murtaletti.

7.30 p.m. Mal-ħruġ ta' l-istatwa jiġu sparati salut u kaxxa nfernali.
Matul il-Purċissioni jkun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxi nfernali, murtaletti u settijiet bil-logħob, murtali tal-beraq pront u tal-kulur u kaxxa tal-kulur.

Il-logħob tan-Nar huwa maħdum kollu mill-membri tal-Għaqda tan-Nar tal-Ġilju — Mqabba.

Il-Kumitat jirringrazzja lil dawn id-dilettanti li b'tant sagrifiċji ħadmu matul is-sena kollha biex jipprovdu spettaklu xieraq f'isem is-SOĊJETA' MUŻIKALI tal-ĠILJU.

KUMITAT TAN-NAR


**DENNIS FARRUGIA**

(QALQULA)

CRANE-HIRE

'BELVEDER'

OUR LADY OF SORROWS STR.,

MQABBA

## IL-ĠIMGHA, 27 TA' MEJJU

## BANDA STA. KATERINA — ŻURRIEQ

**Sett ta' Marċi:**

| | |
|---|---|
| Planċier Artistiku ... ... ... ... | S. Galea u P. Arnaud |
| 250 sena ilu ... ... ... ... ... ... | O. Cachia |
| Il-Kumitat 1955/56 ... ... ... ... | J. Mamo |
| La Vincitrice ... ... ... ... | A. Coleiro |
| 25 sena ... ... ... ... ... | E. Deguara |
| Alexandria ... ... ... ... ... ... | C. Caruana |
| Lill-Kumitat ... ... ... ... ... ... | A. Coleiro |
| Padruna taż-Żurrieq ... ... ... | N. Mifsud |
| Alessandrina ... ... ... ... ... ... | A. Pace |
| La Bella Padrona ... ... ... ... ... | P. Schembri |

Direttur tal-Banda
MRO. E. DEGUARA

---

## IL-HADD, 29 TA' MEJJU — JUM IL-FESTA

## BANDA UNJONI — LUQA

## PROGRAMM MUŻIKALI

| | | |
|---|---|---|
| **Mefistofele** | Prologu | A. Boito |
| **Occasional Suite** | | C. Zammit |
| **Egmont** | Overture | L. Van Beethoven |
| **Parisienne** | Ballet | J. Offenbach |
| **Banda Unjoni** | Innu | |

INNU MALTI

Direttur tal-Banda
MRO. CH. ZAMMIT
F.L.C.M., L.L.C.

---

## IL-HADD, 29 TA' MEJJU — JUM IL-FESTA

## PROGRAMM MUŻIKALI MIILL-

## BANDA "QUEEN VICTORIA" — ŻURRIEQ

| | | |
|---|---|---|
| **Innu** | Lill-Madonna tal-Ġilju | Darmanin |
| | Largo | Handel |
| **Selection** | Musicman | Meredith/Wilson |
| **Innu** | Banda 'Queen Victoria' | Bugeja |

MRO. E. BUGEJA A.MUS. L.C.M.
DIRETTUR

# Lill-Madonna tal-Ġilju

O Madonna min tal-Ġilju
Jien qiegħed nikteb dawn il-kliem
B'ex tħarisna minn kull ħażen,
U tmexxina int flimkien.
O Madonna min tal-Ġilju,
Itlob għalina l-midinbin,
Seddaq qalbna b'imħabba kbira,
Qatt tħallina mifrudin.

O Madonna min tal-Ġilju,
Int imżejna b'kull tifħir,
Taħfer dejjem lil min kasbrek,
Titlob u tħenn, għal min hu fqir.
O Madonna min tal-Ġilju,
Hekk sabiħa, hekk ħanina,
Heġġeġ qalbna Heġġeġ ruħna,
Bħal imħabbtek safja u bnina.

O Madonna min tal-Ġilju,
B'fjuri mlewna aħna nżejnuk.
Bħal ma għamlu ta' qabilna,
Nibqgħu dejjem inħobbuk.

MICHAEL DINGLI

---

NIRRINGRAZZJAW LIL . . . .

......Karmena Mifsud għal ġbir li tagħmel bieb bieb għan-nom tas-Soċjeta' Mużikali tal-Ġilju.

......Ġulija Burnett u sħabha n-nisa li organizzaw diversi attivitajiet b'risq is-Soċjeta' Mużikali tal-Ġilju.

......Elia Psaila għas-servizz ta' trasport li jipprovdi fil-jiem tal-Festa lis-Soċjeta' Mużikali tal-Ġilju.


JOSEPH AQUILINA



231, VICTORY STREET, QORMI — TEL: 47394

Għal kull kwalita' ta' xogħol ta' metal.
Gaġeġ tal-fniek u tat-tiġieġ, trunking u channels għall-elettriku,
landi għad-dulċiera, ferro battuto, xogħol ta' ram, eċċ.
Nispeċjalizzaw fil-kostumi tas-suldati Rumani u f'diversi oġġetti li jintużaw fil-purċissjonijiet.

R. A. B. FLORA BOUTIQUE

77 PIETA SEAFRONT — PIETA

Stockists of:

WEDDING GOWNS — HEADDRESSES —
AND ALL OTHER ACCESSORIES FOR THE BRIDE

# IL-BANDA LILY

Il-Festa waslet! L-akbar attivita' fis-Soċjeta' tagħna hija bla dubju l-BANDA LILY. Matul din is-sena l-Banda LILY iltaqgħet ma bosta diffikultajiet iżda bil-koperazzjoni ta' kulħadd dawn ġew megħluba.

L-akbar diffikulta' kienet ir-reżenja għal għarrieda tas-Surmast Jos. Tonna minħabba raġunijiet personali. Il-Kumitat f'isem is-Soċjeta' Mużikali tal-Ġilju jirringrazzjah għax-xogħol li wettaq fi ħdan il-Banda LILY. Il-Kumitat minnufih avviċina lil ex-Surmast tal-BANDA LILY — Mro. Ġulio Tanti biex jimla l-post ta' Surmast/Direttur tal-Banda u dan aċċetta bla tlaqliq. Wara komplejna nirsistu biex insibu Ass. Surmast biex ikompli jgħallem lill-Allievi li għandna. L-għażla waqgħet fuq Mro. Charles Cachia li huwa Surmast ta' diversi baned magħrufa. Mro. Charles Cachia ħa t-tagħlim ta' l-allievi b'dedikazzjoni kbira u ta' dan nirringrazzjawh.

Għall din is-sena, il-Banda LILY sejra ddoqq u tagħmel programmi kif jidher f'paġna oħra ta' dan il-Ktejjeb. B'sodisfazzjoni kbir din is-sena għall-Festa tal-MADONA tal-ĠILJU sejrin joħorġu sitt bandisti ġodda. (Ara ritratt). Filwaqt li ninsabu ferħana b'dawn il-Bandisti qegħdin ninnotaw li xi bandisti qegħdin jieqfu jdoqqu. Hija ħasra li wara tant sagrifiċċji kemm minn naħa tas-Soċjeta' kif uko'l mill-bandist stess dan jieqaf idoqq minħabba l-apatija.



**Bil-Wieqfa: Jesmond Zammit (Sax Alto); Rita Farrugia (Clarin); Josephine Catania (Clarin); Joe Buhagiar (Kurunetta).**
**Quddiem: Judith Galea (Clarin); (Ass. Surmast Mro. Charles Cachia); Surmast/Direttur Mro. Gulio Tanti A. Mus.L.C.M.; Melvin Bugeja (Tamborlin).**

F'dawn l-aħħar sentejn kull meta għamilna Programm Mużikali dejjem inkludejna biċċa mużika relativament moderna. Bħalissa qegħdin inżidu l-ar-

kivju tal-Banda, kemm f'marċi ta' l-aqwa Surmastrijiet lokali, kif ukoll b'selection ta' Opri, Sinfoniji, Operetti, Musicals etc. Hawn ta' min ifaħħar lill-Arkivista — Lolly Magro u sħabu li bil-paċenzja kollha qegħdin jirranġaw il-partituri kollha ta' l-Arkivju.

Nieħdu gost ninnutaw li l-interess tas-Soċi fil-Banda ma naqasx. Minħabba n-numru sabiħ ta' marċi rregalati minn partitarji u ammiraturi tagħha l-Banda LILY sejra tagħmel recording ta' sett ta' marċi ġodda. Ħafna Soċi jieħdu gost jisimgħu l-marċi fuq il-casettes, diski etc., iżda kemm ikun aħjar għalihom u għas-Soċjeta' jekk jieħdu sehem attiv billi jitgħallmu xi strument tal-banda.

Fl-aħħarnett nieħdu din l-okkażżjoni sabiex inħeġġu lill-ġenituri li għandhom tfal minn 9 snin 'il fuq biex iħajjruhom jitgħallmu strument tal-banda. B'hekk biss xi darba nistgħu naslu biex ikollna l-Banda mimlija bandisti Mqabbin. Fl-istess ħin niffrankaw ħafna flus f'bandisti barranin u li dawn il-flus inkunu nistgħu nużawhom f'affarijiet oħra għas-Soċjeta'. L-ambizzjoni tal-Kumitat dejjem kienet u għadha li nkattru l-ispirtu bandistiku fil-membri tas-Soċjeta'.

Il-marċi li jidhru hawn taħt flimkien ma Innu lill-MADONNA tal-ĠILJU, Innu tal-BANDA LILY u l-Innu marċ MAYFLOWER ser jiġu r-rekordjati fejn dawn għandhom jiġu mxandra fuq Cable Radio nhar is-Sibt, 28 ta' Mejju 1983 fit-3.00 p.m.

| MARĊ | KOMPOŻITUR | IRREGALAT |
|---|---|---|
| **Sorrento** | O. Cachia | Michael Magro |
| **Fiesta** | A. Aquilina | Jesmond Zammit |
| **El Fantastico** | J. Darmanin | Jos. Darmanin |
| **La Senora Rita** | A. Aquilina | Michael Ghigo |
| **Threvin** | A. Coleiro | Charles Attard |
| **Amante Attard** | C. Cachia | Charles Cachia |
| **Ix-Xiħ** | A. Aquilina | Paċifico Ghigo |
| **Mikiel** | J. Galea | Anthony Galea |

* * *

**PROGRAMM MUŻIKALI**
**MILL-BANDA LILY**

**28 TA' MEJJU, 1983**

INNU lill-MADONNA
tal-ĠILJU

| | | |
|---|---|---|
| **Finlandia** | Tone Poem | Jean Sibelius |
| **The Sound of Music** | Selection | Richard Rodgers |
| **Madame Butterfly** | Fantasia | Giacomo Puccini |
| **Innu Banda LILY** | | Jos. Darmanin |

INNU MALTI

MRO. CHARLES CACHIA
ASS. SURMAST

MRO. GULIO TANTI A.mus. L.C.M.
DIRETTUR TAL-BANDA



*IL-KUMITAT EFFETTIV*

**Wara** - mix-Xellug għal-lemin: C. Azzopardi; T. Farrugia; T. Dingli; L. Magro; J. Gauci; C. Camilleri; A. Barbara.

**Quddiem** - mix-Xellug għal-Lemin: B. Dingli; J. Abdilla; Patri Adrijanu Cachia; J. Zammit; B. Briffa; C. Sacco.



Fl-okkażżjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Gilju ta' din is-sena qiegħed jiżżanżan Bar modern u luzzuż. Kif ukoll, 'Conference Table' u għaxar siġġijiet tal-Kewba mogħtija mill-kbir benefattur tas-soċjeta is-Sur Menu Vella.